**124. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru. 419 tat-23 ta' Lulju 1980, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' art f'St Andrews limiti ta' San Ġiljan lil Medisle Holidays Company Limited skont il-kundizzjonijiet tal-Abbozz ta' ftehim annessa mal-istess riżoluzzjoni;

U billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nur. 120 tat-13 ta' Lulju, 1983, il-Kamra tad-Deputati approvat il-modifika tal-istess ftehim kif deher fl-Abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi l-imsemmija Kumpanija talbet lill-Gvern biex jerġa' jimmodifika l-istess ftehim kif modifikat bil-kuntratt fuq imsemmi kif jidher fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Saint Andrews limiti ta' San Ġiljan tista' tiġi mogħtija lill-imsemmija kumpanija, Medisle Holiday Company Limited, skont il-pattijiet u kondizzjonijiet li hemm fl-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi.

18.11.1983